**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1101/97

Dr. Edwin Mintoff A&CE

vs

Universita' ta' Malta

Illum 8 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi fit-28 ta' Frar 1989 huwa kiteb lill-Kummissjoni tal-Ingustizzji biex tinvestiga dwar il-kaz tieghu ta' promozzjoni fl-Universita' ta' Malta li huwa hass li kienet timmeritah lilu, referenza F89/3760/9.1.a.

Fis-6 ta' Jannar 1993, il-Kummissjoni rrisponditu fejn iddikjarat car u tond f'termini illi dan kien kaz ta' diskriminazzjoni u ghamlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom f'dan ir-rigward. Kopja dok A. annessa.

Fil-21 t'April 1994 is-Sur J. Curmi Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru kitiblu fejn qal li minkejja l-fatt li l-Kummissjoni rrakkomandat li huwa suppost li gie promoss ghal post ta' Senior Lecterur mill-1 ta' April 1989 din ir-rakkomandazzjoni qeghdha tigi michuda (kopja annessa Dok B).

Ghaldaqstant applika quddiem it-Tribunal sabiex jizgura li r-rakkomandazzjonijiet taghhom jigu implementati u l-ittra sottomessa mis-Sur Curmi tigi njorata.

Huwa jhoss li diskriminazzjoni fir-rigward tieghu kienet aggravata bid-dikjarazzjoni tas-Sur Curmi u li din izzid l-ingustizzja lejn il-kaz tieghu li ghandu jigu rivedut.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tar-Rettur tal-Universita' ta' Malta li eccepixxa:

Illi in linea preliminari dan it-Tribunal jiddifetta minn gurisdizzjoni li jisma' l-kaz kif propost mir-rikorrent minhabba d-decizjoni tat-Tribunal precedenti.

Illi ir-rikorrent bl-ebda mod ma ghamel l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Il-promozzjonijiet mill-liema jillamenta ruhu r-rikorrent saru sussegwentement korrettement u minghajr ebda ingustizzja u ghalhekk ma hemm l-ebda kaz li saret xi ingustizzja mal-istess rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent xehed li "jiena kont mort quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji li kienet tatni ragun dwar il-kaz, pero` sfortunatament qatt ma giet implimentata d-decizjoni u r-rikors odjern tieghi hu bazat fuq il-fatt li appuntu l-ingustizzja saret meta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji ma gietx implimentata. Tali ilment naturalment qatt ma gie investigat mill-Kummissjoni u anqas qatt prezentajt xi kaz dwaru quddiem xi Qorti. Inzid nghid li jiena kont gejt infurmat permezz ta` ittra datata 6 ta` Jannar 1993 li tinsab esebita bhala document "A" a fol 2 tal-process fejn effettivament jiena kont gejt infurmat mill-Kummissjoni li hi hasset li saret diskriminazzjoni fil-konfromt tieghi fit-termini tal-Att XV tal-1987 u ghamlet ir-rakkomandazzjonijiet taghha f`dan ir-rigward. Inoltre wara li qrajt ir-rikors a fol 1 tal-process nikkonferma l-kontenut tieghu."

Ronnie Attard Director of Finance fl-Universita` ta' Malta ipprepara skeda li fiha jidhru d-differenzi fis-salarju tar-rikorrent

li kieku ha l-promozzjoni. L-ammont dovut kien ikun Lm1482.53 differenza pero` minnha jkun irid jonqos in-National Insurance ta' Lm116.11 u ghalhekk propju l-ammont nett li jkun dahhal hija d-differenza ta' bejniethom.

Ikkunsidra

Illi l-intimat qieghed jibbaza d-difiza tieghu fuq l-artikolu 6 (2) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid hekk:

**6.** (2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti.

Issa fil-kawza fl-ismijiet " John Debono vs Direttur Generali MPO deciza fl-1 ta' Dicembru, 1998, it-Tribunal qal:

"Izda r-rikorrent jikkontendi li huwa n-nuqqas ta' l-implikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fihom infushom jammontaw ghal ingustizzja u li hu mhux qieghed ireassaq l-istess kaz. It-talba quddiem it-Tribunbal hija ghall-implimentazzjoni tad-decizzjonijiet tal-Kummissjoni, u mhux biex il-kaz li gara qabel jerga jigi ezaminat.

Ikkunsidra li l-ilment tal-intimat hu bazat fuq in-nuqqas tal-implimentazzjoni tad-decizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji liema fatt gara matul iz-zmien li jirreferi ghalih l-Att VIII. Ghalhekk l-esami ta' l-ilment ma jmurx "ultra vires". Ukoll il-ligi tirrikjedi li t-Tribunal ma jaccettax li jezercita s-setghat tieghu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment. F'dan il-kaz l-ilment li d-decizzjoni tal-Kummissjoni ma gietx implimentata ma giex investigat izda kien l-ilment originali li kien gie investigat. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni."

Ara wkoll fl-istess sens Joseph Masini vs Direttur tal-Ezamijiet deciza 18 ta' Novembru, 1999, Philip Abdilla vs Prim Ministru 23 ta' Novembru, 1999, u Joseph Camilleri vs Chairman Korporazzjoni Enemalta et deciza 1 ta' Gunju 2000.

Ghal dawn il-motivi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Dwar it-tieni eccezzjoni li l-intimat ma ghamel ebda ingustizzja l-intimat ma gab ebda provi u ghal dan it-Tribunal huwa sufficjenti l-konkluzzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li sabet li tirrizulta l-ingustizzja imsemmija. Ghalhekk jichad it-tieni eccezzjoni.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Senior Lecturer mill-1 ta' April, 1989 u

jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.